"Issa mmur ninqafel il-lukanda...... Nara kif nagħmel biex naqta' passaġġ malajr lejn l-Amerika u nitlaq".

"Jekk ikollok il-kumpanija tiegħi li tindukrak, ma toqgħodx?" staqsejtha kollni ħrara.

"Sakemm jirnexxili nitlaq lejn l-Amerika, iva," weġbitni bla ma ħarset lejja. "Imbagħad insieni."

Kien kollu ta' xejn li għidtilha min jien u kemm kont ingibilha qima jekk tiżżewwiġni; il-ħsieb tagħha kien li jekk qatt tiżżewweġ trid li tkun tgħix l-Amerika, għax imkien ma jogħġobha daqs hemmhekk.

Il-ġrajja tiegħi u ta' l-Amerikana ta' Villa d'Este—kif bqajt insibha jien meta niftakar fiha—għalqet ftit jiem wara, għoxrin sena ilu, meta telqet lejn l-Amerika.

*   *   *

X'ħin din is-sena sibt ruħi qaib l-egħjun tal-Villa, ma stajtx ma mmurx mill-ġdid fil-post fejn kont iltqajt ma' l-Amerikana, u mort ukoll fuq il-ħaxix fejn konna ntfajna bil-qiegħda u għaddejna xi ħin nitkellmu. Kollox deher l-istess bħal dak in-nhar tar-rebbiegħa ta' l-1936. Kollox baqa' bħalma kien: il-post, il-ħdura, l-egħjun, l-ilma li jarmu minnhom, kollox. Jien biss tbiddilt. Minn fuqi għaddew għoxrin sena li kull waħda minnhom żiedet fuq spallejja t-toqol tagħha. Imma qalbi għadha dik li kienet. Il-ġrajja qasira li għaddejt minnha kellha setgħa hekk qawwija fuqi li għalkemm igerrbu s-snin ma nista' ninsieha qatt.

Ħriġt minn hemm u ħsibt li kienet ingħalqet folja oħra mit-tifkiriet ta' Villa d'Este. Iżda ma kienx hekk. Fuq l-autobus kien hemm ġemgħa tfajliet — mill-aċċent tagħhom Amerikani — ilkoll bejn is-sittax u t-tmintax-il sena. Aħna u sejrin lejn Villa Adriana, waħda minnhom qalet lil sħabha: "Xi darba ngħidilkom dak li qaltli dal-għodu l-mamà tiegħi fuq Villa d'Este. Darba ġiegħlet lil wieħed ibusha bla ma tafu."

Jien bqajt sieket f'rokna ta' l-autobus. Meta wasalna Ruma, bqajt sejjer wara t-tfajla biex nara fejn tidħol. Qgħadt nistenna għal sigħat sħaħ bla ma reġgħet ħarġet, imma jiena ma tbegħidtx pass. Fil-għaxija għal xi d-disgħa, rajt lix-xbejba ħierġa mil-lukanda ma' waħda sinjura. Kienet ma' l-"Amerikana ta' Villa d'Este". Bqajt nieżel warajhom Via Nazionale sakemm daħlu f'kafè. Ħin minnhom smajt lix-xbejba tgħid lil ommha bid-daħka: "Lil dak il-Malti ma sibtux qalb l-egħjun, mamà!"



"Min jaf x'sar minnu", qalet l-omm. "Għandu mnejn, jekk għadu ħaj, lanqas baqa' jiftakar x'għadda minn għalih għoxrin sena ilu."

Għaddielha minn moħħa jekk għadnix ħaj. Mur għidilha li kont mimli bil-għomor ftit passi bogħod minnha; imma ma kellix ħila nkellimha. Hi baqgħet sabiħa daqskemm kienet għoxrin sena ilu, donnhom is-snin ma għaddewx minn fuqha. Jien, għall-kuntrarju, bdejt inħossni qiegħed nixjieħ. Ridt inħalliha bit-tifkira tiegħi meta kont għadni fil-milja tal-ħajja: żagħżugħ ta' għoxrin sena.

Ruma, 21. X. 1956.

## IL-MILIED IT-TAJJEB

Ta' Ġ. BORG PANTALLERESCO

*Lill-Professur Ġ. Galea,*
*M.B.E., M.D., D.P.H.*

Kif il-fwieħa
iżżid il-ġmiel
fil-ward;
hekk il-qima tal-ħbieb
iżżid il-hena
f'din l-art;
għalhekk
f'dawn il-jiem sbieħ
tal-Milied
ma nsibx għalik xewqat
isbaħ minn dawn:
Jalla, mal-frott,
mal-qamħ u n-nwar
li bi fwiħithom
iżejnulkom id-dar,
issibu wkoll minn kmieni
ħbieb tajba
li f'dan il-wied ta' dmugħ,
jagħmlulkom l-għomor
hieni!